MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 76/2004

L-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta
Vs
Augustine maghruf bhala Winston Fenech

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-Awtorita' attrici ppremettiet u talbet hekk: premess illi l-konvenut huwa l-licenzjatarju tal-lukanda Best Western Les Lespin Hotel kif jirrizulta mill-anness Dokument 'A'; premess illi l-Awtorita' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tmient elef erba' mija u tlieta u sittin liri Maltin (Lm8463) rapprezentanti arretrati ghal-hlas ta' licenzji u kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dokumenti 'B', 'C' u 'D' rispettivament; premess illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqgha inadempjenti; premess illi dian id-debitu huwa

cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta’ l-Awtorita attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandhiex dina l-Qorti:

1. Taqta u tiddecidi l-kawza a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;
2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ tmient elef erba’ mija u tlieta u sittin liri Maltin (Lm 8463) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Jannar 2002 kontra l-konvenut ingjunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Carmel d’Amato u d-dokumenti annessi.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa’ kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa’ t-talba tal-atturici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------